

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000128/2016**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Michael Cramer**

f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Suġġett: Ftehimiet internazzjonali dwar l-avjazzjoni

Il-Kummissjoni adottat Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa f'Diċembru 2015. Bħala parti mill-Istrateġija tal-Avjazzjoni, ġie propost li jinfetħu negozjati għal ftehimiet dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni fil-livell tal-UE mal-Ġappun u maċ-Ċina u ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru mal-pajjiżi li ġejjin: iċ-Ċina, it-Turkija, il-Messiku, sitt Stati Membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, l-Armenja, u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN).

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati għall-ftehimiet dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni maċ-Ċina u l-Ġappun fit-8 ta' Marzu 2016 u għall-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru fil-livell tal-UE mal-ASEAN, it-Turkija, il-Qatar u l-Emirati Għarab Magħquda fis-7 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill għadu qed jiddelibera dwar l-abbozzi ta' direttivi ta' negozjar għat-tnedija ta' negozjati għal ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru fil-livell tal-UE maċ-Ċina, il-Messiku, l-Armenja, u l-erba' Stati Membri l-oħra tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jixtieq jistaqsi l-mistoqsijiet li ġejjin lill-Kummissjoni:

X'inhuma l-għanijiet, il-kwistjonijiet involuti u l-kalendarji previsti għan-negozjar tal-ftehimiet tal-avjazzjoni li għalihom il-Kummissjoni rċeviet id-direttivi tan-negozjati?

X'inhom s-sitwazzjoni attwali fil-Kunsill fir-rigward tad-direttivi ta' negozjar li fadal?

Kif biġnsiebha l-Kummissjoni tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun infurmat minnufih u bis-sħiħ fil-fażijiet kollha tan-negozjati skont l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?

Kif biġnsiebha l-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza u l-aċċess xierqa għad-dokumenti matul in-negozjati?

Tista' l-Kummissjoni tagħti garanziji li l-Parlament Ewropew se jkun infurmat b'mod parallel mal-Kunsill, qabel u wara kull fażi ta' negozjar?

Tista' l-Kummissjoni tikkonferma li mhux ser titlob l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehimiet dwar l-avjazzjoni konklużi qabel ma l-Parlament Ewropew ikun ta l-kunsens tiegħu għall-ftehim?

Imressqa: 19.10.2016

Mgħoddija: 21.10.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 28.10.2016